# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IL-ERBGHA, 4 TA' LULJU, 2001

*Avviz. Nru 355/01 AJD*

Brian Tyre Service Limited

vs

Gilbert Borg

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u ghaxra liri Maltin (Lm210.00) rappresentanti prezz ta' merkanzija debitament konsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq istruzjonijiet tal-istess konvenut, u dan ai termini tal-invoice numru 6043 u ghalkem debitament interpellat, il-konvenut naqas milli jhallas l-ammont munnu dovut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-4 ta' Mejju, 2001, u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-25 ta' Gunju, 2001, fejn hija rriduciet it-talba taghha minn mitejn u ghaxra liri Maltin (Lm210.00) ghal mija u ghaxra liri Maltin (Lm110.00) stante pagament ta' mitt lira Maltin (Lm100.00) fil-mori tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Lebbart Depasquale in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara

li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u ghaxra liri Maltin (Lm110.00) bl-imghaxijiet pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR